(c) ***75 % tal-kapaċita' rilevanti ta' hawn fuq jekk il-kompartiment huwa parzjalment magħluq***.	(c) ***Il-kapaċità tal-ventilazzjoni għandha dejjem tkun 100 % għall-ispazji tal-merkanzija tal-bhejjem magħluqin għalkollox jew parzjalment***.

Or. en

Emenda 2743
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Il-kapaċità ta' ventilazzjoni għandha dejjem tkun 100 % skont ir-regoli għall-ispazji tal-merkanzija tal-bhejjem magħluqa għalkollox kif ukoll għall-ispazji tal-merkanzija magħluqa parzjalment.

Or. en

Emenda 2744
Stefan Köhler, Jens Gieseke, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Norbert Lins, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1.2 a. Il-gverti tal-osservazzjoni għandhom ikunu mgħammra bi protezzjoni adegwata għall-annimali kontra l-effetti tal-ilma tal-baħar kif ukoll kontra r-radjazzjoni diretta tax-xemx.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-ħin imqatta' fuq il-baħar ma għandux jitqies bħala parti mill-ħin totali tal-vjaġġ, dment li l-annimali abbord bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem ikollhom biżżejjed spazju sabiex ikunu jistgħu jimteddu u jistrieħu, u jingħataw ikel u ilma fi kwantità adegwata u f'intervalli ta' żmien xierqa. L-annimali li jinżammu fuq l-ogħla gverta, magħrufa bħala l-hekk imsejħa "gverta tal-osservazzjoni", ma għandhomx jiġu esposti għall-ilma tal-baħar jew għax-xemx diretta.

Emenda 2745
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.3. Il-kapaċità tal-ħżin jew tal-produzzjoni ta' ilma frisk għandha tkun xierqa sabiex tissodisfa r-rekwiżit tal-ilma stabbilit fil-Kapitolu VI meta jitqies in-numru massimu u t-tip tal-annimali li jkunu se jiġu ttrasportati kif ukoll it-tul massimu tal-vjaġġi maħsuba.	1.3. Il-kapaċità tal-ħżin jew tal-produzzjoni ta' ilma frisk għandha tkun xierqa sabiex tissodisfa r-rekwiżit tal-ilma stabbilit fil-Kapitolu VI meta jitqies in-numru massimu u t-tip tal-annimali li jkunu se jiġu ttrasportati kif ukoll it-tul massimu tal-vjaġġi maħsuba***, dewmien possibbli jew emerġenzi***.

Or. en

Emenda 2746
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.4. Is-sistema tal-ilma frisk għandha tkun kapaċi tissupplixxi ilma frisk kontinwament f'kull żona tal-bhejjem u għandu jkun hemm biżżejjed reċipjenti biex ikun żgurat li l-annimali kollha jkollhom aċċess faċli u kostanti għal ilma frisk. It-tagħmir tal-ippumpjar alternattiv għandu jkun disponibbli biex jiżgura l-provvista tal-ilma fil-każ li tieqaf is-sistema primarja tal-ippumpjar.	1.4. Is-sistema tal-ilma frisk għandha tkun kapaċi tissupplixxi ilma frisk kontinwament f'kull żona tal-bhejjem u għandu jkun hemm biżżejjed reċipjenti biex ikun żgurat li l-annimali kollha jkollhom aċċess faċli u kostanti għal ilma frisk. ***Il-ħwat tal-ilma għandhom awtomatikament jimlew u jipprovdu provvista ad-libitum biex jevitaw il-kompetizzjoni, id-deidrazzjoni, u jindirizzaw stress possibbli tas-sħana fi vjaġġi twal bħal dawn.*** It-tagħmir tal-ippumpjar alternattiv għandu jkun disponibbli biex jiżgura l-provvista tal-ilma fil-każ li tieqaf is-sistema primarja tal-ippumpjar.

Or. en

Emenda 2747
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.4. Is-sistema tal-ilma frisk għandha tkun kapaċi tissupplixxi ilma frisk kontinwament f'kull żona tal-bhejjem u għandu jkun hemm biżżejjed reċipjenti biex ikun żgurat li l-annimali kollha jkollhom aċċess faċli u kostanti għal ilma frisk. It-tagħmir tal-ippumpjar alternattiv għandu jkun disponibbli biex jiżgura l-provvista tal-ilma fil-każ li tieqaf is-sistema primarja tal-ippumpjar.	1.4. Is-sistema tal-ilma frisk għandha tkun kapaċi tissupplixxi ilma frisk kontinwament f'kull żona tal-bhejjem u għandu jkun hemm biżżejjed reċipjenti biex ikun żgurat li l-annimali kollha jkollhom aċċess faċli u kostanti għal ilma frisk. ***Ir-reċipjenti jeħtieġ li jitnaddfu regolarment.*** It-tagħmir tal-ippumpjar alternattiv għandu jkun disponibbli biex jiżgura l-provvista tal-ilma fil-każ li tieqaf is-sistema primarja tal-ippumpjar.

Or. en

Emenda 2748
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.5. Is-sistema tad-drenaġġ għandha tkun ta' kapaċità xierqa sabiex likwidi joħorġu mill-imqajjel u l-gverti f'kull kundizzjoni. Katusi tad-drenaġġ u kanali għandhom jiġbru l-likwidi f'imħażen jew f'tankijiet minn fejn id-drenaġġ jista' jitneħħa permezz ta' pompi jew mezzi ta' tneħħija. It-tagħmir tal-ippumpjar alternattiv għandu jkun disponibbli biex jiżgura d-drenaġġ fil-każ li tieqaf is-sistema primarja tal-ippumpjar.	1.5. Is-sistema tad-drenaġġ għandha tkun ta' kapaċità xierqa sabiex likwidi joħorġu mill-imqajjel u l-gverti f'kull kundizzjoni. Katusi tad-drenaġġ u kanali għandhom jiġbru l-likwidi f'imħażen jew f'tankijiet minn fejn id-drenaġġ jista' jitneħħa permezz ta' pompi jew mezzi ta' tneħħija. It-tagħmir tal-ippumpjar alternattiv għandu jkun disponibbli biex jiżgura d-drenaġġ fil-każ li tieqaf is-sistema primarja tal-ippumpjar. ***Is-sistema tad-drenaġġ għandha tinżamm separata mis-sistema tal-ilma tax-xorb tal-bhejjem u ma għandhiex tkun konnessa magħha bl-ebda mod. L-arranġamenti tad-drenaġġ għandhom jiżguraw li l-***

fluwidi skulati minn maqjel jinżammu 'l boghod minn żoni tax-xogħol relatati u minn imqajjel oħra. It-tagħmir irid jiġi installat biex jikkonforma mal-Anness IV u V tal-MARPOL Prevenzjoni tat-Tniġis Marittimu, relatat mar-rekwiżiti dwar ir-rimi tal-bhejjem mejta, tad-drenaġġ, u taż-żibel fuq il-baħar. Is-sistema għandha tkun operabbli kemm mis-sorsi primarji kif ukoll minn dawk sekondarji tal-enerġija.

Or. en

Emenda 2749
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.5. Is-sistema tad-drenaġġ għandha tkun ta' kapaċità xierqa sabiex likwidi joħorġu mill-imqajjel u l-gverti f'kull kundizzjoni. Katusi tad-drenaġġ u kanali għandhom jiġbru l-likwidi f'imħażen jew f'tankijiet minn fejn id-drenaġġ jista' jitneħħa permezz ta' pompi jew mezzi ta' tneħħija. It-tagħmir tal-ippumpjar alternattiv għandu jkun disponibbli biex jiżgura d-drenaġġ fil-każ li tieqaf is-sistema primarja tal-ippumpjar.	1.5. Is-sistema tad-drenaġġ għandha tkun ta' kapaċità xierqa sabiex likwidi joħorġu mill-imqajjel u l-gverti f'kull kundizzjoni. Katusi tad-drenaġġ u kanali għandhom jiġbru l-likwidi f'imħażen jew f'tankijiet minn fejn id-drenaġġ jista' jitneħħa permezz ta' pompi jew mezzi ta' tneħħija. It-tagħmir tal-ippumpjar alternattiv għandu jkun disponibbli biex jiżgura d-drenaġġ fil-każ li tieqaf is-sistema primarja tal-ippumpjar. ***Is-sistema tad-drenaġġ għandha tinżamm separata mis-sistema tal-ilma tax-xorb tal-bhejjem u ma għandhiex tkun konnessa magħha bl-ebda mod. L-arranġamenti tad-drenaġġ għandhom jiżguraw li l-fluwidi skulati minn maqjel jinżammu 'l bogħod minn żoni tax-xogħol relatati u minn imqajjel oħra. It-tagħmir irid jiġi installat biex jikkonforma mal-Anness IV u V tal-MARPOL Prevenzjoni tat-Tniġis Marittimu, relatat mar-rekwiżiti dwar ir-***

rimi tal-bhejjem mejta, tad-drenaġġ, u taż-żibel fuq il-baħar. Is-sistema għandha tkun operabbli kemm mis-sorsi primarji kif ukoll minn dawk sekondarji tal-enerġija.

Or. en

Emenda 2750
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.6. Żoni tal-bhejjem, passaġġi u rampi lejn żoni tal-bhejjem għandhom ikunu mdawla b'mod suffiċjenti. Id-dawl ta' emerġenza għandu jkun disponibbli fil-każ li tieqaf l-installazzjoni elettrika prinċipali. Għandu jkun hemm biżżejjed dawl li jista' jinġarr sabiex l-attendent ikun jista' jagħmel spezzjoni adegwata u jikkura l-annimali.	1.6. Żoni tal-bhejjem, passaġġi u rampi lejn żoni tal-bhejjem għandhom ikunu mdawla b'mod suffiċjenti. Id-dawl ta' emerġenza għandu jkun disponibbli fil-każ li tieqaf l-installazzjoni elettrika prinċipali. Għandu jkun hemm biżżejjed dawl li jista' jinġarr sabiex l-attendent ikun jista' jagħmel spezzjoni adegwata u jikkura l-annimali. ***Dawl prinċipali: Sistema tad-dawl li tipprovdi intensità tad-dawl ta' mill-inqas 20 lux għandha tiġi fornuta mis-sorsi prinċipali u sekondarji tal-enerġija tal-bastiment u installata:*** ***(a) f'passaġġi bejn l-imqajjel;*** ***(b) ħdejn l-imqajjel;*** ***(c) f'rotot ta' aċċess lejn u mill-ispazji tal-bhejjem; u*** ***(d) bejn l-ispazji tal-bhejjem.*** ***Dawl operazzjonali: F'kull spazju għall-bhejjem għandhom jiġu pprovduti dwal fissi jew mobbli li jipprovdu intensità tad-dawl ta' mill-inqas 110 lux għall-ispezzjoni mill-qrib tal-bhejjem.*** ***Dawl ta' emerġenza: Sistema ta' dawl ta' emerġenza li tipprovdi intensità tad-dawl***

ta' mill-inqas 8 lux.

Or. en

Emenda 2751
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.7. Għandha tiġi installata kif xieraq sistema tat-tifi tan-nar fiż-żoni kollha tal-bhejjem u l-apparat tat-tifi tan-nar fiż-żoni tal-bhejjem għandu jikkonforma mal-istandards l-aktar reċenti tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS) rigward protezzjoni min-nar, detezzjoni tan-nar u tifi tan-nar.	1.7. Għandha tiġi installata kif xieraq sistema tat-tifi tan-nar fiż-żoni kollha tal-bhejjem u l-apparat tat-tifi tan-nar fiż-żoni tal-bhejjem għandu ***jiġi vverifikat minn soċjetà ta' klassifikazzjoni rikonoxxuta mill-UE u*** jikkonforma mal-istandards l-aktar reċenti tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS) rigward protezzjoni min-nar, detezzjoni tan-nar u tifi tan-nar. ***Meta wieħed iqis il-fatt li l-merkanzija hija bhejjem, is-CO2 ma jistax jintuża bħala tagħmir tan-nar fl-imqajjel.***

Or. en

Emenda 2752
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Emma Wiesner, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.7. Għandha tiġi installata kif xieraq sistema tat-tifi tan-nar fiż-żoni kollha tal-bhejjem u l-apparat tat-tifi tan-nar fiż-żoni tal-bhejjem għandu jikkonforma mal-	1.7. Għandha tiġi installata kif xieraq sistema tat-tifi tan-nar fiż-żoni kollha tal-bhejjem u l-apparat tat-tifi tan-nar fiż-żoni tal-bhejjem għandu ***jiġi vverifikat minn***

istandards l-aktar reċenti tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS) rigward protezzjoni min-nar, detezzjoni tan-nar u tifi tan-nar.	***soċjetà ta' klassifikazzjoni rikonoxxuta mill-UE u*** jikkonforma mal-istandards l-aktar reċenti tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS) rigward protezzjoni min-nar, detezzjoni tan-nar u tifi tan-nar. ***Meta wieħed iqis li l-merkanzija hija bħejjem, is-CO2 ma jistax jintuża bħala tagħmir għat-tifi tan-nar fl-imqajjel.***

Or. en

Emenda 2753
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.8 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.8. Is-***sistemi għall-bħejjem li ġejjin*** għandhom ikunu ***mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ, kontroll u allarm fil-post tal-kenn tat-tmunier***:	1.8. ***L-indokratur tal-għassa jew l-uffiċjal tal-benesseri*** għandhom ikunu ***responsabbli biex jinnotifikaw lill-kennel tal-gvern bi kwalunkwe inċident relatat ma'***:

Or. en

Emenda 2754
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.8 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.8. ***Is-sistemi għall-bħejjem li ġejjin għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ, kontroll u allarm fil-post tal-kenn*** tat-tmunier:	1.8. ***L-għassies jew il-persuna responsabbli għall-benesseri għandha r-responsabbiltà li tavża lill-kamra*** tat-tmunier ***dwar kwalunkwe inċident relatat ma'***:

Or. es

Emenda 2755
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.8 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.8. ***Is-sistemi għall-bhejjem li ġejjin għandhom ikunu mgħammra b'sistema*** ta' ***monitoraġġ***, kontroll ***u allarm fil-post tal-kenn tat-tmunier***:	1.8. ***L-assistent jew l-uffiċjal tal-benesseri tal-annimali li jkun qed jaħdem għandu jinnotifika lill-post*** ta' kontroll ***bi kwalunkwe inċident relatat ma'***:

Or. en

Emenda 2756
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV– punt 1 – punt 1.8 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) it-temperatura u l-umdità fl-imqajjel u l-gverti kollha.

Or. en

Emenda 2757
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV– punt 1 – punt 1.8 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) NH3 u CO2;

Or. en

Emenda 2758
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.8 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d b) it-temperatura fil-gverti u t-temperaturi ta' termometri mxarrba (umdità relattiva).

Or. en

Emenda 2759
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1.8 a. sistema ta' kejl tat-temperatura u l-umdità;

Or. en

Emenda 2760
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.9. Sors primarju tal-enerġija għandu jkun biżżejjed sabiex iforni enerġija kontinwa għas-sistemi tal-bhejjem msemmija fil-punti 1.2, 1.4, 1.5 u 1.6 taħt l-operat normali tal-bastimenti użati għall-	1.9. Sors primarju tal-enerġija għandu jkun biżżejjed sabiex iforni enerġija kontinwa għas-sistemi tal-bhejjem msemmija fil-punti 1.2***, 1.3***, 1.4, 1.5 u 1.6 taħt l-operat normali tal-bastimenti użati

ġarr tal-bhejjem. Sors sekondarju tal-enerġija għandu jkun biżżejjed sabiex jibdel is-sors primarju tal-enerġija ***għal perjodu kontinwu ta' tlett ijiem***.

għall-ġarr tal-bhejjem. Sors sekondarju tal-enerġija għandu jkun biżżejjed sabiex jibdel is-sors primarju tal-enerġija.

Or. en

Emenda 2761
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1.9 a. Il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem għandhom ikunu mgħammra b'sistemi CCTV abbord. Ir-reġistrazzjoni għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll għal partijiet ikkonċernati oħra fuq talba;

Or. en

Emenda 2762
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.10. Il-bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem għandhom ikunu mgħammra b'mezz ta' qtil adattat għall-ispeċijiet ittrasportati bi struzzjonijiet bil-miktub f'lingwa li jifhmu l-attendenti.	1.10. Il-bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem għandhom ikunu mgħammra b'mezz ta' ***sturdament u*** qtil adattat għall-ispeċijiet ittrasportati bi struzzjonijiet bil-miktub f'lingwa li jifhmu l-attendenti. ***L-ebda trasport bil-baħar ma għandu jkun awtorizzat mingħajr veterinarju abbord li jkun kompetenti li jewtanalizza l-annimali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza permezz ta' injezzjoni.***

Or. en

Emenda 2763
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.10. Il-bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem għandhom ikunu mgħammra b'mezz ta' qtil adattat għall-ispeċijiet ittrasportati bi struzzjonijiet bil-miktub f'lingwa li jifhmu ***l-attendenti***.	1.10. Il-bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem għandhom ikunu mgħammra b'mezz ta' qtil adattat għall-ispeċijiet ittrasportati bi struzzjonijiet bil-miktub f'lingwa li jifhmu ***t-tekniċi kkwalifikati tal-annimali***.

Or. en

Emenda 2764
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1.10a. Għandu jkun ipprovdut spazju għall-ħażna adegwat, separat sew minn annimali ħajjin, għall-ħażna tal-karkassi tal-annimali, jekk iseħħu mwiet ta' annimali abbord, u għandu jiżgura spazju biżżejjed għal mill-inqas rata ta' mortalità ta' 5 %. Jekk l-ispazju tal-ħażna ma jkunx adegwat biex jiġu mmaniġġjati n-numru ta' mwiet abbord, it-trasportatur għandu jibda l-pjan ta' kontinġenza.

Or. en

Emenda 2765
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 1 – punt 1.10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1.10a. Il-bastiment jista' jitnaddaf u jiġi diżinfettat faċilment.

Or. en

Emenda 2766
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem jew bastimenti li jittrasportaw annimali f'kontenituri għal annimali kbar, għandhom iġorru mill-ħin tat-tluq biżżejjed marqad kif ukoll għalf u ilma suffiċjenti biex ikopri r-rekwiżiti minimi tal-provvista tal-għalf u tal-ilma ta' kuljum stabbiliti fit-Tabella 1 għall-vjaġġ maħsub flimkien ma' ***mill-inqas sebat ijiem ta'*** provvista żejda ta' marqad, għalf u ilma.	Bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem jew bastimenti li jittrasportaw annimali f'kontenituri għal annimali kbar, għandhom iġorru mill-ħin tat-tluq biżżejjed marqad kif ukoll għalf u ilma suffiċjenti biex ikopri r-rekwiżiti minimi tal-provvista tal-għalf u tal-ilma ta' kuljum stabbiliti fit-Tabella 1 għall-vjaġġ maħsub flimkien ma' provvista żejda ta' marqad, għalf u ilma ***għandhom mill-inqas jikkonformaw maċ-ċifri ta' hawn taħt:*** ***Tul tal-vjaġġ sa 6 ijiem: jumejn għalf żejjed.*** ***Tul tal-vjaġġ sa 15-il jum: 3 ijiem għalf żejjed.*** ***Tul tal-vjaġġ ta' aktar minn 15-il jum: 4 ijiem għalf żejjed.***

Or. en

Emenda 2767
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem jew bastimenti li jittrasportaw annimali f'kontenituri għal annimali kbar, għandhom iġorru mill-ħin tat-tluq biżżejjed marqad kif ukoll għalf u ilma suffiċjenti biex ikopri r-rekwiżiti minimi tal-provvista tal-għalf u tal-ilma ta' kuljum stabbiliti fit-Tabella 1 għall-vjaġġ maħsub flimkien ma' mill-inqas ***sebat*** ijiem ta' provvista żejda ta' marqad, għalf u ilma.	Bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem jew bastimenti li jittrasportaw annimali f'kontenituri għal annimali kbar, għandhom iġorru mill-ħin tat-tluq biżżejjed marqad kif ukoll għalf u ilma suffiċjenti biex ikopri r-rekwiżiti minimi tal-provvista tal-għalf u tal-ilma ta' kuljum stabbiliti fit-Tabella 1 għall-vjaġġ maħsub flimkien ma' mill-inqas ***jum wieħed*** ta' provvista żejda ta' marqad, għalf u ilma ***għal vjaġġi sa 3 ijiem, u mill-inqas 3 ijiem provvista żejda ta' marqad, għalf u ilma għal vjaġġi li jaqbżu t-3 ijiem.***

Or. en

Emenda 2768
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem jew bastimenti li jittrasportaw annimali f'kontenituri għal annimali kbar, għandhom iġorru mill-ħin tat-tluq biżżejjed marqad kif ukoll għalf u ilma suffiċjenti biex ikopri r-rekwiżiti minimi tal-provvista tal-għalf u tal-ilma ta' kuljum stabbiliti fit-Tabella 1 għall-vjaġġ maħsub flimkien ma' mill-inqas ***7 ijiem*** ta' provvista żejda ta' marqad, għalf u ilma.	Bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem jew bastimenti li jittrasportaw annimali f'kontenituri għal annimali kbar, għandhom iġorru mill-ħin tat-tluq biżżejjed marqad kif ukoll għalf u ilma suffiċjenti biex ikopri r-rekwiżiti minimi tal-provvista tal-għalf u tal-ilma ta' kuljum stabbiliti fit-Tabella 1 għall-vjaġġ maħsub flimkien ma' mill-inqas ***jumejn*** ta' provvista żejda ta' marqad, għalf u ilma. ***F'każ ta' neċessità, ikun obbligat li javviċina l-port l-aktar fil-***

qrib għall-forniment ta' provvisti.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi kkunsidrat li b'żewġt jiem żejda ta' ikel ikun hemm żmien biżżejjed biex ikunu jistgħu jinxtraw provvisti fi kwalunkwe port fil-qrib f'każ li dan ikun meħtieġ. Barra minn hekk, irridu nkunu konxji li dan il-volum addizzjonali jista' fl-ewwel lok ikun ta' periklu għall-istabbiltà tal-bastiment f'ħafna każijiet, iżda barra minn hekk dan huwa għalf li ma jistax jinħatt u lanqas ma jista' jerġa' jintuża għal raġunijiet ta' bijosigurtà u bħala tali, ikollu jintrema l-baħar u għalhekk għandu jiġi mminimizzat sabiex tiġi evitata kontaminazzjoni kbira.

Emenda 2769
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu IV – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem jew bastimenti li jittrasportaw annimali f'kontenituri għal annimali kbar, għandhom iġorru mill-ħin tat-tluq biżżejjed marqad kif ukoll għalf u ilma suffiċjenti biex ikopri r-rekwiżiti minimi tal-provvista tal-għalf u tal-ilma ta' kuljum stabbiliti fit-Tabella 1 għall-vjaġġ maħsub flimkien ma' ***mill-inqas sebat ijiem ta'*** provvista żejda ta' marqad, għalf u ilma.	Bastimenti użati għall-ġarr tal-bhejjem jew bastimenti li jittrasportaw annimali f'kontenituri għal annimali kbar, għandhom iġorru mill-ħin tat-tluq biżżejjed marqad kif ukoll għalf u ilma suffiċjenti biex ikopri r-rekwiżiti minimi tal-provvista tal-għalf u tal-ilma ta' kuljum stabbiliti fit-Tabella 1 għall-vjaġġ maħsub flimkien ma' provvista żejda ta' marqad, għalf u ilma ***biżżejjed għal vjaġġ darbtejn itwal mill-ħin antiċipat tal-vjaġġ***.

Or. en

Emenda 2770
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness – Kapitolu IV – punt 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-magħlef ***jista' jiġi sostitwit b'għalf konċentrat u viċi versa***. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni xierqa lill-ħtieġa ta' ċerti kategoriji ta' annimali, li jidraw il-bidla fl-għalf minħabba l-bżonnijiet tal-metaboliżmu tagħhom.	Il-magħlef ***irid jkun ibbażat fuq għalf mhux ipproċessat għar-ruminanti***. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni xierqa lill-ħtieġa ta' ċerti kategoriji ta' annimali, li jidraw il-bidla fl-għalf minħabba l-bżonnijiet tal-metaboliżmu tagħhom.

Or. en

Emenda 2771
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Annimali ta' speċijiet ekwini, bovini, ovini, kaprini, u porċini	1. Annimali ta' speċijiet ekwini***, kamelidi***, bovini, ovini, kaprini, u porċini

Or. fr

Emenda 2772
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn 4,5 sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	***imħassar***

Or. it

Emenda 2773
Flavio Tosi, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn 4,5 sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2774
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn ***4,5*** sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ***matul segment ta' vjaġġ*** ta' mhux aktar minn ***9*** sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.

Or. en

Emenda 2775
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn ***4,5*** sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn ***8*** sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ir-regola proposta ttawwal bla bżonn it-tul totali tal-vjaġġ. Ir-regola preċedenti ta' 8 sigħat inkluża fir-Regolament 1/2005 hija suffiċjenti.

Emenda 2776
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn ***4,5*** sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn ***8*** sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regola proposta testendi l-ħin kollu tal-vjaġġ bla bżonn. Ir-regola preċedenti ta' 8 sigħat

inkluża fir-Regolament tal-UE 1/2005 hija biżżejjed.

Emenda 2777
Adrian-George Axinia, Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn ***4,5*** sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn ***8*** sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.

Or. en

Emenda 2778
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1. L-attendenti ***jew is-sewwieqa*** għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn ***4,5*** sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	1.1. L-attendenti għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn ***4*** sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.

Or. en

Emenda 2779
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans,

Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1. ***L-attendenti*** jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn 4,5 sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	1.1. ***It-tekniċi kkwalifikati tal-annimali*** jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn 4,5 sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.

Or. en

Emenda 2780
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn 4,5 sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa***, jew il-ko-sewwieqa,*** għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn 4,5 sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.

Or. en

Emenda 2781
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans,

Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn 4,5 sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	1.1. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali ekwini b'għalf u b'ilma ad libitum jew tal-anqas f'intervalli regolari ***matul trasport*** ta' mhux aktar minn 4,5 sigħat għal perjodu ta' 30 minuta waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport ***ro-ro*** bil-baħar. ***Għall-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem, tekniku tal-annimali kkwalifikat għandu jipprovdi lill-annimali tal-ispeċijiet ekwini, bovini, ovini, kaprini, u porċini b'għalf darbtejn kuljum u ilma ad libitum.***

Or. en

Emenda 2782
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum ***matul il-vjaġġ jew*** matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-vettura tkun wieqfa ***u meta l-annimali jinħattu***. ***L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.***	1.2. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-vettura tkun wieqfa.

Or. en

Emenda 2783
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum ***matul il-vjaġġ jew*** matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-vettura tkun wieqfa ***u meta l-annimali jinħattu***. ***L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.***	1.2. ***Dment li ma jkunx ta' detriment għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fil-kontenituri,*** l-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-vettura tkun wieqfa.

Or. en

Emenda 2784
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum ***matul il-vjaġġ jew*** matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-vettura tkun wieqfa ***u meta l-annimali jinħattu***. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-	1.2. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-vettura tkun wieqfa. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-

baħar.

baħar.

Or. en

Emenda 2785
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2. ***L-attendenti*** jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum matul il-vjaġġ jew matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-vettura tkun wieqfa u meta l-annimali jinħattu. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	1.2. ***It-tekniċi kkwalifikati tal-annimali*** jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum matul il-vjaġġ jew matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-vettura tkun wieqfa u meta l-annimali jinħattu. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.

Or. en

Emenda 2786
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum matul il-vjaġġ jew matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-	1.2. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini***, ekwini*** u porċini bl-ilma ad libitum matul il-vjaġġ jew matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ

vettura tkun wieqfa u meta l-annimali jinħattu. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	waqt li l-vettura tkun wieqfa u meta l-annimali jinħattu. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.

Or. it

Emenda 2787
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum matul il-vjaġġ ***jew*** matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-vettura tkun wieqfa u meta l-annimali jinħattu. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	1.2. L-attendenti jew is-sewwieqa għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum matul il-vjaġġ ***u*** matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-vettura tkun wieqfa u meta l-annimali jinħattu. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.

Or. en

Emenda 2788
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 1 – punt 1.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2. L-attendenti ***jew is-sewwieqa*** għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum matul il-vjaġġ jew matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu	1.2. L-attendenti għandhom jipprovdu lill-annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini bl-ilma ad libitum matul il-vjaġġ jew matul il-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fl-Artikolu 27. L-għalf għandu

27. L-għalf għandu jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-vettura tkun wieqfa u meta l-annimali jinħattu. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.	jiġi offrut lill-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ waqt li l-vettura tkun wieqfa u meta l-annimali jinħattu. L-istess reġim ta' tisqija u tmigħ għandu jinżamm matul it-trasport bil-baħar.

Or. en

Emenda 2789
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 2790
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Anness – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-forniment ta' għalf/ilma għall-pollam waqt it-trasport huwa prattikament mhux fattibbli. Il-pollam ikkunsinnat fil-biċċerija għandu jasal sobriju minħabba raġunijiet ta' iġjene. Dan

joħloq kontradizzjoni irrikonċiljabbli.

Emenda 2791
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2792
Stanislav Stoyanov

Proposta għal regolament
Anness – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal tħassib iġeniku u sanitarju, l-annimali jeħtiġilhom minflok jinżammu sajmin sabiex jillimitaw il-fluss ta' feċi matul il-vjaġġ. Din il-miżura għandha tirrifletti l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull speċi.

Emenda 2793
Adrian-George Axinia, Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Anness – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sawm qabel il-qatla, u fir-rigward tal-iġjene

Emenda 2794
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati.	2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati***, ħlief jekk il-vjaġġ idum inqas minn*** ***a) 12-il siegħa, mingħajr ma jiġi kkalkolat il-ħin tat-tagħbija u tal-ħatt, jew*** ***b) 24 siegħa għal flieles tal-ispeċijiet kollha, dment li l-vjaġġ iseħħ fi żmien 72 siegħa minn meta jofsqu***.

Or. de

Emenda 2795
Christine Singer, Jan-Christoph Oetjen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Anness – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati.	2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati***, ħlief fil-każ ta' vjaġġ li jdum inqas minn:***
	(a)12-il siegħa mingħajr ma jittieħed kont tal-ħin tat-tagħbija u tal-ħatt; jew
	(b)24 siegħa għall-flieles tal-ispeċijiet kollha, dment li jseħħ fi żmien 72 siegħa minn meta jfaqqsu.

Or. en

Emenda 2796
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Anness – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati.	2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati***, ħlief fil-każ ta' vjaġġ li jdum inqas minn:***
	(a) 12-il siegħa mingħajr ma jittieħed kont tal-ħin tat-tagħbija u tal-ħatt; jew
	(b) 24 siegħa għall-flieles tal-ispeċijiet kollha, dment li jseħħ fi żmien 72 siegħa minn meta jfaqqsu;

Or. en

Emenda 2797
Jessica Polfjärd, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Anness – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati.	2.1. Għall-għasafar u l-fniek domestiċi, l-għalf u l-ilma xierqa għandhom ikunu disponibbli fi kwantitajiet adegwati. ***Sakemm it-trasport ma jitqiesx bħala "vjaġġ qasir" u jseħħ matul il-lejl meta l-annimali normalment ma jiġux mitmugħa.***

Or. en

Emenda 2798
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Anness – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.1

